# Il-Kwadru Titular iddedikat lill-Immakulata Kunċizzjoni li Jinsab il-Knisja ta' Santu Rokku tal-Belt Valletta

***Kitba ta' Mario Fenech***

Fil-belt kapitali tagħna nsibu diversi knejjes żgħar li għalkemm huma fi stat tajjeb ma tantx ikollna ċans li nżuruhom għaliex ma tantx ikollhom il-bibien tagħhom miftuħa spiss.

Hemm knejjes oħrajn li matul dawn l-aħħar snin sar fihom xogħol kbir ta' restawr u qegħdin ingawduhom bis-sbuħija kollha tagħhom. Waħda minn dawn il-knejjes sbieħ hija dik ta' Santu Rokku li hemm fi Triq Sant'Ursula.

L-istorja ta' din il-knisja għandha l-bidu tagħha xi ftit traġika, u dan għaliex din inbniet b'wegħda wara li kienet ħakmet il-gżejjer Maltin il-marda qerrieda tal-pesta. Epidemija li damet tkarkar sena sħiħa fejn l-agħar li marru kienu l-abitanti tal-Belt, l-Isla u l-Birgu, fejn mietu madwar 800 ruħ.

Meta għadda kollox, il-Gran Mastru Fra Hugu Loubens de Verdalle, flimkien mal-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann kienu marru fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann għall-Quddiesa Solenni li tmexxiet mill-Isqof Tommaso Gargallo.

B'ringrazzjament 'l Alla fl-1593, sena biss wara din l-epidemija, biex tiġi fis-seħħ wegħda li kienet saret mill-ġurati ta' l-Università ta' Malta, inbniet il-knisja fi Triq Sant'Ursula ddedikata lil Santu Rokku, qaddis Patrun ta' dawk milquta bil-marda tal-pesta.

Fl-istess sena tal-ftuħ tal-knisja ġiet imwaqqfa l-fratellanza ta' dan il-qaddis fl-istess knisja.

Għaddew sitt snin biss minn din id-data u l-epidemija tal-pesta laqtet lil Malta għal darb'oħra. Il-ġurati talbu permess mingħand l-Isqof Laurentus Astiria biex permezz ta' wegħda oħra jkabbru l-knisja. Dan it-tkabbir sar fuq il-pjanta ta' l-Arkitett Lorenzo Gafà.

Dan it-tkabbir tal-knisja kien qanqal ħeġġa liema bħalha fost dawk li kienu midħla tagħha flimkien mal-membri tal-Fratellanza ta' Santu Rokku, biex isiru opri ta' arti sbieħ li jixirqu lill-knisja bħal din.

Mill-iskola ta' l-Artist Antoine Favray ħarġu l-kwadri ta' San Pawl, San Ġwann Evanġelista, San Publiju, u d-Duluri għall-pilastri ta' taħt il-koppletta. Din il-knisja hija waħda mill-knejjes filjali tal-Kolleġġjata ta' San Pawl, għaldaqstant ir-raġuni tax-xbieha ta' San Pawl f'wieħed minn dawn l-erba' kwadri. Konnessjoni oħra ma' din il-Kolleġġjata huwa l-kwadru li hemm fuq l-artal tal-Fratellanza ta' Ġesù Marija li twaqqfet f'din il-knisja fl-1640, li sar mill-Artist Atillio Palombi li għamel ukoll bosta xogħlijiet fil-Kolleġġjata.

Artal ieħor fil-knisja huwa dak iddedikat lil San Stiefnu bil-kwadru ta' fuqu jġib il-firma ta' l-Artist Stefano Erardi. Fuq dan l-artal twaqqfet it-Terz Ordni tal-Passjoni fl-1932.

Il-kwadru titulari tal-knisja sar mill-Artist Stefano Erardi u fih naraw fiċ-ċentru tat-tila xbieha sabiħa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni bilwieqfa fuq qamar kbir b'idejha ma' xulxin, bid-drapp tal-libsa mtajjar u b'għadd ta' anġli jagħtuHa ġieħ u glorja. 'L isfel fil-kwadru naraw żewġ qaddisin, lil Santu Rokku li għalih hija ddedikata l-knisja, u Sant'Anġlu Martri Karmelitan, protettur ieħor ta' dawk milqutin bil-marda tal-pesta. Bejn dawn iż-żewġ figuri l-artist pinġa fl-isfond għadd ta' morda bil-pesta qegħdin jinġarru 'l bogħod minn nies.

Kurjuż huwa l-fatt jew raġuni għaliex l-Immakulata ġiet inkluża f'din it-tila, tant li nistgħu ngħidu li dan il-kwadru huwa aktar ta' l-Immakulata Kunċizzjoni milli ta' Santu Rokku. Jista' jkun li dan seħħ peress li fil-viċinanza hemm il-knisja Ta' Ġieżu tal-Patrijiet Franġiskani Minuri li dejjem ħadmu biex ixerrdu devozzjoni lejn il-Madonna b'dan it-titlu.

Jista' jkun ukoll li min għamel tajjeb għall-ħlas ta' dan il-kwadru kien devot kbir tal-Madonna jew kien imnebbaħ mit-tagħlim li kienu jxerrdu l-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann lejn il-Madonna b'dan it-titlu.

Il-kwadru huwa mdawwar bi gwarniċ skulturat fil-ġebla sabiħ ħafna li jkompli jagħti dehra solenni lil dan il-kwadru.

Il-knisja minn dejjem gawdiet attenzjoni xierqa u kienet ġiet solennement ikkonsagrata mill-Vigarju Ġenerali Ludovico Famucelli nhar it-12 ta' Awissu 1681.

Id-devozzjoni lejn l-Immakulata Kunċizzjoni fil-gżejjer Maltin hija waħda kbira ħafna, knejjes bħal dawn huma xiehda ta' dan u għalhekk għandna għaliex inkunu grati lejn dawk ta' qabilna li ħadmu tant biex aħna qegħdin ingawdu dawn l-opri.

**Il-festa t-tajba lil kulħadd.**